REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1146/2014

tat-23 ta' Ottubru 2014

li jemenda l-Annessi II, III, IV u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-antrakinon, benfluralin, bentażon, bromoksinil, klorotalonil, famoksadon, imażamoks, bromur tal-metil, propanil u aċidu sulfuriku f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 14(1)(a), l-Artikolu 18(1)(b) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Għall-bentażon, bromoksinil, klorotalonil, famoksadon u imażamoks il-livelli massimi ta' residwu (maximum residue levels — MRLs) ġew stabbiliti fl-Anness II u fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għall-benfluralin u propanil, l-MRLs ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III ta' dak ir-Regolament. Għall-antrakinon, il-bromur tal-metil u l-aċidu sulfuriku l-ebda MRL ma hu stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u billi dawn is-sustanzi attivi mhumiex inklużi fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament, japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) ta' dak ir-Regolament.

(2) Għall-antrakinon, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tiegħu ([2]). L-esklużjoni tal-antrakwinon mill-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([3]) huwa previst fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/986/KE ([4]). Meta wieħed jikkunsidra li l-użu tal-antrakinon ma għadux awtorizzat fl-Unjoni u li ma ġie identifikat l-ebda użu awtorizzat f'pajjiżi terzi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-MRLs fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(3) Għall-benfluralin, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([5]). Hija rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għal ħass, skalora, aruka, witloof, fażola (friska, bil-miżwed), fażola (friska, mingħajr miżwed), piżelli (friska, bil-miżwed), piżelli (friska, mingħajr miżwed), għads, fażola (niexfa), piżelli (niexfa), żerriegħa tal-ġirasol, żerriegħa tal-lift, ħabba tax-xgħir, ħabba tal-qamħ u għeruq taċ-ċikwejra. Hija rrakkomandat li jinżammu l-MRLs eżistenti għal ċerti prodotti. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għat-tewm, tadam, ħjar, bettieħ u karawett l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. L-MRLs għal dawk il-komoditajiet għandhom jiġu ffissati fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(4) Għall-bentażon, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([6]). L-Awtorità pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([2]) European Food Safety Authority; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for anthraquinone according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2012;10(6):2761. [6 pp.].
([3]) Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/986/KE tal-15 ta' Diċembru 2008 dwar l-esklużjoni tal-anthraquinone fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 48).
([5]) European Food Safety Authority, 2013. Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for benfluralin according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2013;11(6):3278. [33 pp.].
([6]) European Food Safety Authority; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for bentazone according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2012;10(7):2822. [65 pp.].

tinbidel. Hija rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għat-tewm, xalott, ħxejjex aromatiċi, fażola (friska, mingħajr miżwed), piżelli (friska, bil-miżwed), piżelli (friska mingħajr miżwed), karawett, millieġ, tjur (laħam, xaħam u fwied) u bajd tal-għasafar. Hija rrakkomandat li jinżammu l-MRLs eżistenti għal ċerti prodotti. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-patata, kurrat, infużjonijiet erbali (imnixxfa, weraq), majjal (laħam, xaħam, fwied u kliewi), annimali bovini (laħam, xaħam, fwied u kliewi), nagħaġ (laħam, xaħam, fwied u kliewi), mogħoż (laħam, xaħam, fwied u kliewi), u ħalib (tal-baqar, nagħaġ u mogħoż), xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-basal tar-rebbiegħa, ħjar, żerriegħa tal-pepprin u żerriegħa tas-sojja, l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. L-MRLs għal dawk il-komoditajiet għandhom jiġu ffissati fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(5) Għall-bromoksinil, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([1]). L-Awtorità pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel. Hija rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għat-tewm, basal, xalott, qamħ ħelu, sfraġ, kurrat u kittien. Hija rrakkomandat li jinżammu l-MRLs eżistenti għal ċerti prodotti. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRL għall-ħops xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-amministraturi tar-riskji. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRL għal dak il-prodott għandu jiġi stipulat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dan l-MRL; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(6) Għall-klorotalonil, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([2]). Hija kkonkludiet li dwar l-MRLs għat-tuffieħ, lanġas, sfarġel, naspli, naspli tal-Ġappun, berquq, ħawħ, għeneb tal-mejda u tal-inbid, frawli, gooseberries, banana, papajja, patata, zunnarija, ċelerjak, għerq mustarda, zunnarija bajda, għeruq tat-tursin, leħjet il-bodbod, rapa, tewm, basal, xalott, basal tar-rebbiegħa, tadam, brunġiel, ħjar, ħjar tal-pikles, zukkini, bettieħ, qargħa aħmar, dulliegħ, pastard, Brussels sprouts, kaboċċi, weraq tal-karfus, tursin, fażola (friska, bil-miżwed), fażola (friska, mingħajr miżwed), piżelli (friska, bil-miżwed), piżelli (friska, mingħajr miżwed, għads (friska), sfraġ, karfus, kurrat, fungi kkultivat, fażola (niexfa), għads (niexfa), piżelli (niexfa), lupini (niexfa), karawett, ħabba tax-xgħir, ħabba tal-ħafur, ħabba tal-qamħ, ħabba tas-segala, ħops, majjal (laħam, xaħam, fwied u kliewi), annimali bovini (laħam, xaħam, fwied u kliewi), nagħaġ (laħam, xaħam, fwied u kliewi), mogħoż (laħam, xaħam, fwied u kliewi), tjur (laħam, xaħam u fwied), ħalib (minn baqar, nagħaġ u mogħoż) u bajd tal-għasafar, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(7) Għall-famoksadon, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([3]). Hija rrakkomandat li jitbaxxa l-MRL għall-ħabba tal-ħafur. Hija rrakkomandat li jinżammu l-MRLs eżistenti għal ċerti prodotti. L-Awtorità kkonkludiet li dwar l-MRLs għaż-żerriegħa tal-lift, majjal (laħam, xaħam, fwied u kliewi), annimali bovini (laħam, xaħam, fwied u kliewi), nagħaġ (laħam, xaħam, fwied u kliewi), mogħoż (laħam, xaħam, fwied u kliewi), tjur (laħam, xaħam u fwied), ħalib (minn baqar, nagħaġ u mogħoż) u bajd tal-għasafar, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġuu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

([1]) European Food Safety Authority; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for bromoxynil according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2012;10(8):2861. [41 pp.].

([2]) European Food Safety Authority; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for cholorothalonil according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2012;10(10):2940. [87 pp.].

([3]) European Food Safety Authority; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for famoxadone according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2012;10(7):2835. [53 pp.].

(8) Għall-imażamoks, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([1]). Hija kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-fażola (friska, bil-miżwed), piżelli (friska, mingħajr miżwed), fażola (niexfa), għads (niexfa), piżelli (niexfa), żerriegħa tal-ġirasol, żerriegħa tal-lift, fażola tas-sojja, qamħirrum, ross, majjal (laħam, xaħam, fwied u kliewi), annimali bovini (laħam, xaħam, fwied u kliewi), nagħaġ (laħam, xaħam, fwied u kliewi), mogħoż (laħam, xaħam, fwied u kliewi), u ħalib (minn baqar, nagħaġ u mogħoż), xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(9) Għall-bromur tal-metil, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tiegħu ([2]). L-esklużjoni tal-bromur tal-metil mill-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE hija stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/753/KE ([3]) u kkonfermata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/120/UE ([4]). Ma ġie notifikat ebda użu awtorizzat f'pajjiżi terzi. Għall-bromur tal-metil l-MRLs prestabbiliti ma jistgħux jiġu kkwantifikati minn laboratorji ta' kontroll u għalhekk mhuwiex xieraq li jiġu stabbiliti xi MRLs għal din is-sustanza. Madankollu, il-bromur tal-metil huwa naturalment trasformat f'jon tal-bromur, li għalih hemm diġà stabbiliti MRLs kwantifikabbli minn laboratorji ta' kontroll.

(10) Għall-propanil, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([5]). L-esklużjoni tal-propanil mill-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/769/KE ([6]) u kkonfermat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1078/2011 ([7]). Meta wieħed jikkunsidra li l-użu tal-propanil ma għadux awtorizzat fl-Unjoni u li ma ġie notifikat l-ebda użu awtorizzat f'pajjiżi terzi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti MRLs fil-limitu ta' determinazzjoni jew fl-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għaldaqstant l-MRL stipulat għall-propanil fl-Anness III għandu jitħassar skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 14(1)(a) tiegħu.

(11) Għall-aċidu sulfuriku, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata skont l-Artikolu 12(1) tiegħu ([8]). L-esklużjoni tal-aċidu sulfuriku mill-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2008/937/KE ([9]). Minħabba t-tossiċità baxxa tal-aċidu sulfuriku, l-Awtorità rrakkomandat li ma jiġux stabiliti MRLs. Għaldaqstant huwa xieraq li l-aċidu sulfuriku jkun inkluż fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(12) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi, rigward il-ħtieġa li jiġu adattati ċerti limiti tad-determinazzjoni. Dwar bosta sustanzi, dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċerti komoditajiet, l-iżvilupp tekniku jippermetti li jiġu stabbiliti limiti speċifiċi ta' determinazzjoni.

(13) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u fid-dawl tal-fatturi rilevanti tas-suġġett li qed jiġi kkunsidrat, il-modifiki xierqa għall-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

([1]) European Food Safety Authority, 2013. Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for imazamox according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2013;11(6):3282. [34 pp.].

([2]) European Food Safety Authority, 2013. Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for methyl bromide according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2013;11(7):3339. [29 pp.].

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/753/KE tat-18 ta' Settembru 2008 dwar in-non inklużjoni ta' bromur tal-metil fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dik is-sustanza (ĠU L 258, 26.9.2008, p. 68).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/120/UE tal-21 ta' Frar 2011 dwar in-noninklużjoni tal-bromur tal-metil fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 47, 22.2.2011, p. 19).

([5]) European Food Safety Authority, 2013. Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for propanil according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2013;11(6):3280. [22 pp.].

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/769/KE tat-30 ta' Settembru 2008 dwar l-esklużjoni tal-propanil mill-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza (ĠU L 263, 2.10.2008, p. 14).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1078/2011 tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva propanil, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 279, 26.10.2011, p. 1).

([8]) European Food Safety Authority; Review of the existing maximum residue levels (MRLs) for sulphuric acid according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2012;10(1):2556. [9 pp.].

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/937/KE taL-5 ta' Diċembru 2008 dwar l-aċidu sulforiku li ma ġiex inkluż fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 88).

(14) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat kif xieraq.

(15) Biex jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, ir-Regolament għandu jistipula arranġament tranżizzjonali għal prodotti li ġew prodotti legalment qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom l-informazzjoni turi li nżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(16) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma l-MRLs modifikati jsiru applikabbli, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw żmien biex jitħejjew biex ikunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(17) Permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-imsieħba kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati fir-rigward tal-MRLs il-ġodda u l-kummenti tagħhom ġew meqjusa.

(18) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II, III, IV u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għal prodotti li kienu prodotti legalment qabel it-18 ta' Mejju 2015.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, għandu japplika minn mit-18 ta' Mejju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

L-Annessi II, III, IV u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Il-kolonni għal bentażon, bromoksinil, klorotalonil, famoksadon u imażamoks jinbidlu b'dan li ġej:

"Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0100000	1. **FROTT FRISK JEW ĠEWŻ IFFRIŻAT**	0,03 (*)	0,01 (*)			0,05 (*)
0110000	(i) **Frott taċ-ċitru**			0,01 (*)	0,01 (*)	
0110010	Tronġ (Shaddocks, pomelo, sweeties, tanġelo (minbarra minneola), ugli u ibridi oħra)					
0110020	Lariġ (Bergamott, lariġ tal-bakkal-jaw, kinotto u ibridi oħra)					
0110030	Lumi (Tronġ, lumi, Id Buddha (*Citrus medica* var. *sarcodactylis*))					
0110040	Xkomp					
0110050	Mandolin (Klementina, ċitru tat-tan-ġier, minneola u ibridi oħra tangor (*Citrus reticulata* × *sinensis*))					
0110990	Oħrajn					
0120000	(ii) **Ġewż tas-siġar**			0,01 (*)	0,01 (*)	
0120010	Lewż					
0120020	Ġewż tal-Brażil					
0120030	Ġewż tal-anakardju					
0120040	Qastan					
0120050	Ġewż tal-Indi					
0120060	Ġellewż (Filbert)					
0120070	Macadamia					
0120080	Ġewż Amerikan					
0120090	Ġewż tal-arżnu					

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0120100	Pistaċċi					
0120110	Ġewż					
0120990	Oħrajn					
0130000	(iii) **Frott taż-żerriegħa**			2 (+)	0,01 (*)	
0130010	Tuffieħ (Tuffieħ selvaġġ)					
0130020	Langas (Langas Orjentali)					
0130030	Sfarġel					
0130040	Naspli					
0130050	Naspla tal-Ġappun					
0130990	Oħrajn					
0140000	(iv) **Frott tal-għadma**				0,01 (*)	
0140010	Berquq			1 (+)		
0140020	Ċirasa (Ċirasa ħelwa, ċirasa qarsa)			0,01 (*)		
0140030	Ħawħ (Nuċiprisk u ibridi simili)			1 (+)		
0140040	Għanbaqar (Għanbaqra ħamra, għanbaqra ħadra, għanbaqra mirabella, pruna selvaġġa, tamal aħmar/tamal Ċiniż/żinżel Ċiniż (*Ziziphus zizyphus*))			0,01 (*)		
0140990	Oħrajn			0,01 (*)		
0150000	(v) **Frott irqiq u frott żgħir**					
0151000	(a) *Għeneb tal-mejda u tal-inbid*			3 (+)	2	
0151010	Għeneb tal-mejda					
0151020	Għeneb tal-inbid					
0152000	(b) *Frawli*			4 (+)	0,01 (*)	
0153000	(c) *Frott tal-kannamiela*			0,01 (*)	0,01 (*)	
0153010	Tut					
0153020	Ċawsli iswed (Kukku Logan, Kukku Tay, Kukku Boysen, Kukku sħaba u ibridi ta' *Rubus* oħrajn)					

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0153030	Lampun (Vinilampun, lampun Artiku/lampun, (*Rubus arcticus*), lampun tal-meraq (*Rubus arcticus* × *Rubus idaeus*))					
0153990	Oħrajn					
0154000	(d) *Frott żgħir u frott irqiq ieħor*				0,01 (*)	
0154010	Riħan blu (Riħan kuħħal)			0,01 (*)		
0154020	Cranberries (riħan lingon/riħan kuħħal aħmar (*V. vitis-idaea*))			0,01 (*)		
0154030	Passolina (ħamra, sewda u bajda)			0,01 (*)		
0154040	Gooseberries (Inkluż ibridi ma' speċijiet oħrajn ta' *Ribes*)			15 (+)		
0154050	Warda Skoċċiża			0,01 (*)		
0154060	Ċawsli (frawli *Arbutus*)			0,01 (*)		
0154070	Għanżalor (naspla Mediterranja) (kukku tal-kiwi (*Actinidia arguta*))			0,01 (*)		
0154080	Sebuq (mirtill aronia iswed/kukku tat-tuffieħ, fraxxnu tal-muntanja, argużier, żagħrun, naspli tas-silġ, u kukku tas-siġar ieħor)			0,01 (*)		
0154990	Oħrajn			0,01 (*)		
0160000	(vi) **Frott mixxellanju**				0,01 (*)	
0161000	(a) *Qoxra li tittiekel*			0,01 (*)		
0161010	Tamal					
0161020	Tin					
0161030	Żebbuġ tal-mejda					
0161040	Laringė tal-qsari (Kumkwat marumi, kumkwat nagami, xkomp fortunella (*Citrus aurantifolia* × *Fortunella* spp.))					
0161050	Karambola (Bilimbi)					
0161060	Persimmon					

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0161070	Ġambul (għanbaqra ta' Ġava) (tuffieħa ta' Ġava/tuffieħa tal-ilma, tuffieħa warda, ċirasa tal-Brażil, ċirasa tas-Surinam/grumikama (*Eugenia uniflora*))					
0161990	Oħrajn					
0162000	(b) *Qoxra li ma tittikilx, żgħir*			0,01 (*)		
0162010	Kiwi					
0162020	Liċċi (Litchi) (Pulasan, rambutan/liċċi sufin, longan, mangosteen, langsat, salak)					
0162030	Frotta tal-passjoni					
0162040	Bajtar tax-xewk (frotta tal-kaktus)					
0162050	Tuffieħa stilla					
0162060	Persimmon Amerikana (Kaki ta' Virġinja) (Kaki sewda, kaki bajda, kaki ħadra, kanistell/kaki safra, kaki mammey)					
0162990	Oħrajn					
0163000	(c) *Qoxra li ma tittikilx, kbar*					
0163010	Avokado			0,01 (*)		
0163020	Banana (Banana nanija, pjantaġġni, bananito)			15 (+)		
0163030	Mango			0,01 (*)		
0163040	Papajja			15 (+)		
0163050	Rummien			0,01 (*)		
0163060	Ċerimojja (Anona ħamra, puma kannella, ilama (*Annona diversifolia*) u frott ieħor *Annonnaceae* ta' daqs medju)			0,01 (*)		
0163070	Gwava (Pitaya ħamra/frott taddragun (*Hylocereus undatus*))			0,01 (*)		
0163080	Ananas			0,01 (*)		
0163090	Frott tas-siġra tal-ħobż (Jackfruit)			0,01 (*)		
0163100	Durian			0,01 (*)		
0163110	Soursop (guanabana)			0,01 (*)		
0163990	Oħrajn			0,01 (*)		

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0200000	2. **ĦXEJJEX FRISKI JEW IFFRIŻATI**					
0210000	(i) **Ħxejjex tal-għeruq u tuberi**		0,01 (*)			0,05 (*)
0211000	(a) *Patata*	0,2 (+)		0,01 (*) (+)	0,02	
0212000	(b) *Ħxejjex tropikali tal-għeruq u tuberi*	0,03 (*)		0,01 (*)	0,01 (*)	
0212010	Kassava (Daxin, eddoe/taro tal-Ġappun, tannja)					
0212020	Patata ħelwa					
0212030	Jammijiet (Fażola tal-patata/fażola tal-jam, fażola tal-jam tal-Messiku)					
0212040	Ararut					
0212990	Oħrajn					
0213000	(c) *Ħxejjex oħra tal-għeruq u tuberi minbarra l-pitravi*	0,03 (*)			0,01 (*)	
0213010	Pitravi			0,01 (*)		
0213020	Zunnarija			0,3 (+)		
0213030	Ċelerjak			1 (+)		
0213040	Għeruq mustarda (Għeruq tal-anġelika, għeruq tal-karfus tal-muntanji, għeruq tal-ġenzjana)			0,3 (+)		
0213050	Artiċokks ta' Ġerusalem (Crosne)			0,01 (*)		
0213060	Zunnarija bajda			0,3 (+)		
0213070	Għeruq tat-tursin			0,3 (+)		
0213080	Ravanell (Ravanell iswed, ravanell Ġappuniż, ravanell żgħir u varjetajiet simili, ċiperu (*Cyperus esculentus*))			0,01 (*)		
0213090	Leħjet il-bodbod (leħjet il-bodbod sewda, sassefrika, leħjet il-bodbod Spanjola/Spanish oysterplant, lappa li tittiekel)			0,3 (+)		
0213100	Swedes			0,01 (*)		

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0213110	Rapa			0,3 (+)		
0213990	Oħrajn			0,01 (*)		
0220000	(ii) **Ħxejjex tal-basla**			(+)	0,01 (*)	0,05 (*)
0220010	Tewm	0,06	0,01 (*)	0,01 (*)		
0220020	Basal (Basal ieħor tal-basla, basal komuni)	0,1	0,01 (*)	0,01 (*)		
0220030	Xalott	0,06	0,01 (*)	0,01 (*)		
0220040	Basal tar-rebbiegħa u basal ta' Wales (Basal ieħor aħdar u varjetajiet simili)	0,03 (*)	0,05	10		
0220990	Oħrajn	0,03 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)		
0230000	(iii) **Ħxejjex tal-frott**					0,05 (*)
0231000	(a) Solanacea	0,03 (*)	0,01 (*)			
0231010	Tadam (Tadam ċiras, *Physalis* spp., goġi komuni, goġi taċ-Ċina (*Lycium barbarum* u *L. chinense*) tadam tas-siġra)			6 (+)	2	
0231020	Bżar ħelu (Bżar felfel)			0,01 (*)	0,01 (*)	
0231030	Brinġiel (Pepino, brinġiel Afrikan/ brinġiel abjad (*S. macrocarpon*))			6 (+)	1.5	
0231040	Okra (swaba tan-nisa)			0,01 (*)	0,01 (*)	
0231990	Oħrajn			0,01 (*)	0,01 (*)	
0232000	(b) *Kukurbit — qoxra li tittiekel*	0,03 (*)	0,01 (*)	5 (+)	0,2	
0232010	Ħjar					
0232020	Ħjar tal-pikles					
0232030	Courgettes (Kukurbit tas-sajf, qara' (patisson), kalabaxx (*Lagenaria siceraria*), ċentinarja, karavella/bettiegħ morr, qara' serp, luffa angulata/teroi)					
0232990	Oħrajn					

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0233000	(c) *Kukurbit — qoxra li ma tittikilx*	0,03 (*)	0,01 (*)	1 (+)		
0233010	Bettieħ (Kiwano)				0,7	
0233020	Qara' aħmar (Qara' tax-xitwa, qara' (varjetà tardiva))				0,01 (*)	
0233030	Dulliegħ				0,01 (*)	
0233990	Oħrajn				0,01 (*)	
0234000	(d) *Qamħ ħelu (Qamħirrum żgħir)*	0,3	0,04	0,01 (*)	0,01 (*)	
0239000	(e) *Ħxejjex tal-frott ieħor*	0,03 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	
0240000	(iv) **Ħxejjex tal-ġenus Brassica**	0,03 (*)	0,01 (*)			0,05 (*)
0241000	(a) *Brassica bil-fjuri*				0,1	
0241010	Brokkoli (Brokkoli tal-Kalabrija, brokkoli raab, brokkoli Ċiniż)			0,01 (*)		
0241020	Pastard			2 (+)		
0241990	Oħrajn			0,01 (*)		
0242000	(b) *Brassica bir-ras*				0,01 (*)	
0242010	Brussels sprouts			3 (+)		
0242020	Kaboċċa (Kaboċċa bil-ponta, kaboċċa ħamra, kaboċċa Savoy, kaboċċa bajda)			0,6 (+)		
0242990	Oħrajn			0,01 (*)		
0243000	(c) *Brassica bil-weraq*			0,01 (*)	0,01 (*)	
0243010	Kaboċċa Ċiniża (Mustarda Indjana jew Ċiniża, pak choi, kaboċċa Ċiniża ċatta/tai goo choi, choi sum, kaboċċa ta' Pekin/pe-tsai)					
0243020	Kaboċċi tal-weraq twal (Borecole/kaboċċa mberfla, collards, kaboċċa Portugiża, kaboċċa medullosa)					
0243990	Oħrajn					

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0244000	(d) *Kolrabi*			0,01 (*)	0,01 (*)	
0250000	(v) **Ħxejjex tal-weraq u ħxejjex aromatiċi friski**					
0251000	(a) *Ħass u pjanti oħra tal-insalata inklużi l-*Brassicacea	0,03 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,05 (*)
0251010	Valerjanella (valerjanella tal-Italja)					
0251020	Ħass (Ħass, lollo rosso (ħass għat-tqattigħ), ħass iceberg, ħass romaine (cos))					
0251030	Skalora (indivja tal-werqa wiesgħa) (Ċikwejra selvaġġa, ċikwejra ħamra, radiccho, indivja tal-werqa mberfla, Ċikwejra kaboċċata (*C. endivia* var. *crispum*/*C. intybus* var. *foliosum*), weraq taċ-ċikwejra selvaġġa)					
0251040	Krexxuni (Nebbieta tal-fażola mung, nebbieta tax-xnien)					
0251050	Krexxun tal-art					
0251060	Aruka, Rukla (Aruka salvaġġa (*Diplotaxis* spp.))					
0251070	Mustarda ħamra					
0251080	Weraq u nebbieta tal-*Brassica* spp, inklużi l-weraq tal-ġidra (Miżuna, weraq tal-piżelli u tar-ravanell u speċijiet oħra li jinħasdu meta l-weraq ikun għadu żgħir, inkluż speċijiet tal-brassica (pjanti li jinħasdu sal-istadju fejn ikollhom l-ewwel 8 werqiet), weraq tal-kolrabi)					
0251990	Oħrajn					
0252000	(b) *Spinaċi u oħrajn simili (weraq)*	0,03 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,05 (*)
0252010	Spinaċi (Spinaċi ta' New Zealand, spinaċi amaranthus (pakkhom, tampara), weraq tat-tajer, bitterblad/bitawiri)					

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0252020	Burdlieq (Ħass/Insalata tal-minaturi, burdlieqa tal-ġonna, burdlieqa komuni, sorrel, ħaxixa tal-ħġieġ, agretti (*Salsola soda*))					
0252030	Weraq tal-pitravi (selq) (Weraq tal-pitravi)					
0252990	Oħrajn					
0253000	(c) *Weraq tad-dielja (weraq tal-għeneb) (Spinaċi dielja, weraq tal-banana, rimi tal-akaċja tixxeblek (*Acacia pennata*))*	0,03 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,05 (*)
0254000	(d) *Krexxuni tal-ilma (Kampanella/konvolvulu Ċiniż/konvolvulu tal-ilma/spinaċi tal-ilma/kangkung (*Ipomea aquatica*), felċi tal-ilma, mimoża tal-ilma)*	0,03 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,05 (*)
0255000	(e) *Indivja Belġjana*	0,03 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,05 (*)
0256000	(f) ~~Ħ~~*xejjex aromatiċi*	10	0,02 (*)		0,02 (*)	0,1 (*)
0256010	Maxxita			0,02 (*)		
0256020	Kurrat selvaġġ			0,02 (*)		
0256030	Weraq tal-karfus (Weraq tal-bużbież, weraq tal-kosbor, weraq taxxibt, weraq tal-karwija, weraq tal-karfus tal-muntanji, anġelika, Sorfolja tal-mirra u weraq oħrajn *Apiacea*, weraq tal-kosbor falz/jintnu/kosbor twil/ħaxixa tinten (*Eryngium foetidum*))			5 (+)		
0256040	Tursin (Weraq tat-tursin tal-għerq kbir)			5 (+)		
0256050	Salvja (savorja tax-xitwa, savorja tas-sajf, weraq *Borago officinalis*)			0,02 (*)		
0256060	Klin			0,02 (*)		
0256070	Sagħtar (Merqtux, origanu)			0,02 (*)		
0256080	Ħabaq (Weraq balm, nagħniegħ, pepermint, tulsi, ħabaq ħelu, ħabaq muswaf, fjuri kommestibbli (qronfol Indjan u oħrajn), pennywort, werqa tal-betel salvaġġa, weraq tal-kari)			0,02 (*)		

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0256090	Weraq tar-rand (Ħaxixa lumija)			0,02 (*)		
0256100	Stregun (Issopu)			0,02 (*)		
0256990	Oħrajn			0,02 (*)		
0260000	(vi) **Ħxejjex legumi (friski)**		0,01 (*)		0,01 (*)	0,05 (*)
0260010	Fażola (bil-miżwed) (Fażola ħadra/ fażola Franċiża/fażola tinqasam, fażola ta' Spanja, fażola tat-tqattigħ, fażola twila Ċiniża, fażola guwar, fażola tas-sojja)	0,3		5 (+)		(+)
0260020	Fażola (mingħajr miżwed) (Ful, fażola twila, fażola jack, fażola bajda ta' Lima, piżelli tal-baqra)	0,05		3 (+)		
0260030	Piżelli (bil-miżwed) (Mangetout/piżelli taz-zokkor/piżelli tas-silġ)	0,3		5 (+)		(+)
0260040	Piżelli (mingħajr miżwed) (Piżelli tal-ġonna, piżelli ħodor, ċiċri)	0,05		1 (+)		
0260050	Għads	0,05		0,6 (+)		
0260990	Oħrajn	0,03 (*)		0,01 (*) (+)		
0270000	(vii) **Ħxejjex biz-zokk (friski)**		0,01 (*)			0,05 (*)
0270010	Sfraġ	0,03 (*)		0,01 (*) (+)	0,01 (*)	
0270020	Kardun (Zkuk *borago officinalis*)	0,03 (*)		0,01 (*)	0,01 (*)	
0270030	Karfus	0,03 (*)		10 (+)	0,01 (*)	
0270040	Bużbież	0,03 (*)		0,01 (*)	0,01 (*)	
0270050	Qaqoċċ (Fjura tal-banana)	0,03 (*)		0,01 (*)	0,01 (*)	
0270060	Kurrat	0,15 (+)		8 (+)	2	
0270070	Rabarbru	0,03 (*)		0,01 (*)	0,01 (*)	
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	0,03 (*)		0,01 (*)	0,01 (*)	
0270090	Qlub tal-palm	0,03 (*)		0,01 (*)	0,01 (*)	
0270990	Oħrajn	0,03 (*)		0,01 (*)	0,01 (*)	

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0280000	(viii) **Faqqiegħ**	0,03 (*)	0,01 (*)		0,01 (*)	0,05 (*)
0280010	Fungi kkultivati (Faqqiegħ komuni, faqqiegħ forma ta' ġajdra, faqqiegħ shiitake, *fungus mycelium* (partijiet veġetattivi))			0,5 (+)		
0280020	Fungi selvaġġi (Chanterelle, tartuf, morkell, fungi porċini)			0,01 (*)		
0280990	Oħrajn			0,01 (*)		
0290000	(ix) **Alki tal-baħar**	0,03 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,05 (*)
0300000	3. **LEGUMI, IMNIXXFA**		0,01 (*)	(+)	0,01 (*)	0,05 (*)
0300010	Fażola (Ful, fażola tan-navy, fażola twila, fażola jack, fażola bajda ta' Lima beans, fażola tal-għelieqi, piżelli tal-baqra)	0,1		3		(+)
0300020	Għads	0,03 (*)		0,2		(+)
0300030	Piżelli (Ċiċri, piżelli tal-għelieqi, ġulbiena sewda)	1		1		(+)
0300040	Lupini	0,03 (*)		0,2		
0300990	Oħrajn	0,03 (*)		0,01 (*)		
0400000	4. **ŻRIERAGĦ ŻEJTNIJA U FROTT ŻEJTNI**		0,01 (*)		0,01 (*)	0,05 (*) (+)
0401000	(i) **Żrieragħ żejtnija**					
0401010	Kittien	0,2		0,01 (*)		
0401020	Karawett	0,05		0,1 (+)		
0401030	Żerriegħa tal-pepprin	0,03 (*)		0,01 (*)		
0401040	Żerriegħa tal-ġunġlien	0,03 (*)		0,01 (*)		
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	0,03 (*)		0,01 (*)		
0401060	Żerriegħa tal-lift (Żerriegħa tal-lift tal-għasafar, żerriegħa tal-lift tal-ġidra)	0,03 (*)		0,01 (*)	(+)	
0401070	Fażola tas-sojja	0,03 (*)		0,01 (*)		
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	0,03 (*)		0,01 (*)		
0401090	Żerriegħa tal-qoton	0,03 (*)		0,01 (*)		
0401100	Żrieragħ tal-qara' ħamra (Żrieragħ oħrajn tal-*Cucurbitaceae*)	0,03 (*)		0,01 (*)		
0401110	Għosfor	0,03 (*)		0,01 (*)		

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0401120	Fiddloqqom (Żrieragħ ta' lsien il-fart vjola/Fjura tal-Kanarji (*Echium planatgineum*), żrieragħ ta' lsien il-fart (*Buglossoides arvensis*))	0,03 (*)		0,01 (*)		
0401130	Kamelina	0,03 (*)		0,01 (*)		
0401140	Żerriegħa tal-qanneb	0,03 (*)		0,01 (*)		
0401150	Fażola tar-riġnu	0,03 (*)		0,01 (*)		
0401990	Oħrajn	0,03 (*)		0,01 (*)		
0402000	(ii) **Frott żejtni**	0,03 (*)		0,01 (*)		
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt					
0402020	Ġewż tal-palm (żrieragħ tal-palm għaż-żejt)					
0402030	Frott tal-palm					
0402040	Kapok					
0402990	Oħrajn					
0500000	5. **ĊEREALI**					0,05 (*)
0500010	Xgħir	0,1	0,05	0,4 (+)	0,2	
0500020	Qamħ Saraċin (*Amaranthus*, kinoa)	0,03 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	
0500030	Qamħirrum	0,2	0,1	0,01 (*)	0,01 (*)	(+)
0500040	Millieġ (Millieġ denb il-volpi, teff, millieġ tas-swaba, millieġ tal-Indja)	0,08	0,1	0,01 (*)	0,01 (*)	
0500050	Ħafur	0,1	0,05	0,4 (+)	0,1	
0500060	Ross (Ross abjad/selvaġġ (*Zizania aquatica*))	0,1	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	(+)
0500070	Segala	0,1	0,05	0,1 (+)	0,05	
0500080	Sorgu	0,1	0,05	0,01 (*)	0,01 (*)	
0500090	Qamħ (Spelt, tritikale)	0,1	0,05	0,1 (+)	0,1	
0500990	Oħrajn (żrieragħ tal-ħaxix Kanarji (*Phalaris canariensis*))	0,03 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)	
0600000	6. **TÈ, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI U KAKAW**	0,1 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)		0,1 (*)
0610000	(i) **Tè**				0,05 (*)	
0620000	(ii) **Żrieragħ tal-kafè**				0,05 (*)	
0630000	(iii) **Infużjonijiet erbali (imnixxfa)**					
0631000	(a) *Fjuri*				2	
0631010	Fjuri tal-kamumilla					
0631020	Fjuri tal-ħibiskus					

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Somma ta' benżaton, l-imlieħ tiegħu u 6-idrossibenżaton (liberu u konjugat) u 8-idrossibenżaton (liberu u konjugat), espressi bħala benżaton (R)	Bromoksinil u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala bromoksinil	Klorotalonil (R)	Famoksadon (F)	Somma ta' imażamoks u l-imlieħ tiegħu, espressi bħala imażamoks
0631030	Petali tal-ward					
0631040	Fjuri tal-ġiżimin (Fjuri tas-sebuqa (*Sambucus nigra*))					
0631050	Xkomp (linden)					
0631990	Oħrajn					
0632000	(b) *Weraq*	(+)			0,05 (*)	
0632010	Weraq tal-frawli					
0632020	Weraq tar-rooibos (Weraq tal-ġingo)					
0632030	Maté					
0632990	Oħrajn					
0633000	(c) *Għeruq*				0,05 (*)	
0633010	Għeruq tal-valerjana					
0633020	Għeruq tal-ġinseng					
0633990	Oħrajn					
0639000	(d) *Infużjonijiet erbali oħra*				0,05 (*)	
0640000	(iv) **Żrieragħ tal-kakaw (iffermentati jew imnixxfin)**				0,05 (*)	
0650000	(v) **Ħarruba (st johns bread)**				0,05 (*)	
0700000	7. **ĦOPS (imnixxfa)**	0,1 (*)	0,05 (*) (+)	60 (+)	0,05 (*)	0,1 (*)
0800000	8. **ĦWAWAR**					
0810000	(i) **Żrieragħ**	0,1 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)	0,1 (*)
0810010	Ħlewwa					
0810020	Karwija sewda					
0810030	Żerriegħa tal-karfus (Żerriegħa tal-muntanji)					
0810040	Żerriegħa tal-kosbor					
0810050	Żerriegħa tal-kemmun					

